ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Citta' Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 57** **IT-TLIETA 15 TA' NOVEMBRU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru 2011 fis-7.05 ta' filgħaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Jeffery Camilleri, Bjorn Azzopardi, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Simon Vella Gregory u Ralph Puli.

Il-Kunsilliera Dennis Zammit u Jason Busuttil infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba mard u xogħol rispettivament u kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**57/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 56**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 56 li nżammet nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 56 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**57/02** **PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**57/02/01** **Is-Sindku** nforma li x-xogħol fuq il-proġett ta' tqegħid ta' pavimentar ġdid fi Triq Dun Ġwakkin Schembri tlesta aktar minn tliet kwarti minnu u din it-triq u pjazza qed tiġi msebbħa skont il-pjanijiet tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li kellu laqgħat mal-Kumitat tal-Banda Anici u ma' residenti fejn kien diskuss x'tip ta' *restricted parking* jista' jitwaqqaf fl-area fejn qed isir il-pavimentar. Il-Kunsill jista' jipprovdi postijiet għall-parkeġġ fi Triq Pinto. Dan jeħtieġ li jsir sabiex il-pjazza li qed tkun pavimentata tkun protetta minn ħafna traffiku u pparkjar. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' Transport Malta dwar dan is-suġġett.

**57/03** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** talbet sabiex tiġi skużata mil-laqgħa minħabba mpenji oħra li kellha.

**57/04** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2011
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda.

**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**57/04/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport dwar il-lista ta' ħlasijiet għall-attivitajiet li l-Kunsill qed jorganizza bil-ħidma tal-Għaqdiet Lokali. Il-Kunsill kien infurmat li dwar l-attivita' ta' Lejl f'Casal Fornaro l-Kunsill kien irċieva l-ammont ta' sitt elef euro skont l-iskema mħabbra tal-attivitajiet, u l-ammont ingħata lill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi skont ir-rapport mehmuż. **DOK 'B1-2'**

**57/05** **MOZZJONI 127/2011(V)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni nru. 127/2011(V) dwar tismija ta' triq.

"Nipproponi li Trejqet il-Blata fuq talba ġenerali tiġi msemmija Triq Charlon Borg 1993 - 2011 - Żagħżugħ Qalbieni, li miet f'inċident biex jgħin lil Missieru jsalva. Kien ukoll attiv ħafna f'diversi Għaqdiet f'Ħal Qormi fosthom l-Kumitat Festi Esterni u l-Qormi FC , Charlon kien żgħażugħ eżemplari li fis-sempliċita' tiegħu kien ta' eżempju kbir għal sħabu, dejjem lest u jkun minn ta' quddiem biex jgħaqqad lil sħabu u jgħin mill-aħjar li jista'.
Is-Sindku fisser li Charlon għandu jibqa' mfakkar għaliex għen lil missieru f'dawk il-mumenti traġiċi, u għalhekk il-Kunsill għandu jibqa' jfakkar dan il-ġest erojku.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.
**Ivvutaw Favur it-tmien (8) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** din il-mozzjoni sabiex Trejqet il-Blata tiġi msemmija Triq Charlon Borg 1993 - 2011.

**57/06 MOZZJONI 128/2011(V)**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ressaq il-mozzjoni nru. 128/2011(V) dwar proposta ta' *zebra crossings* fl-area tar-roundabout ta' Pinto.

"Nipproponi li ssir 'zebra crossing' fin-naħa li tagħti għall-*park and ride* ta' l-Arriva minħabba l-fatt li l-użu tat-triq fl-akwati żdied b'mod sostanzjali."

**Il-Kunsillier Ralph Puli** fisser li bl-introduzzjoni tat-terminus fil-*Park and Ride* fi Triq l-Iljun ħafna residenti Qriema qed jagħmlu użu minn dan is-servizz ta' trasport, iżda qed isibu diffikulta' sabiex jaqsmu t-toroq madwar ir-roundabout f'tal-Erba' Qaddisin u jaslu fil-*park and ride* sabiex jirbku l-karozzi tal-linja. Huwa ppropona li din it-talba għandha titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex jitwaqqfu zebra crossings sabiex jitnaqqsu l-perikli għal min jagħmel użu minn dan is-servizz.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda.

Saret diskussjoni dwar l-area ta' l-Erba' Qaddisin, Triq Manwel Dimech u Triq l-Iljun li lkoll huma toroq bi traffiku volumenuż u li b'tant perikli għall-persuni li jridu jaqsmu dawk it-toroq. Kien maqbul li l-proposta tinbagħat għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**Ivvutaw Favur it-tmien (8) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** din il-mozzjoni.

**57/07** **TENDERS- TINDIF U TMEXXIJA TAL-*PUBLIC CONVENIENCES*, U ĠBIR TAL-*BULKY REFUSE***

**Is-SegretarjuEżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopji tat-*tenders* proposti għat-tindif u tmexxija tal-*Public Conveniences*, u Ġbir tal-*Bulky Refuse*, sabiex il-Kunsill japprova dawn id-dokumenti. Id-doolumenti kienu ċċirkulati u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'C 1-2'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** rrefera għad-dokument imressaq tas-Servizz tal- Latrini Pubblici u ppropona li fit-tender ikun hemm aktar minn opzjoni waħda għall-offerti. Huwa fisser li l-offerta tat-tender għandha tinqasam fi tnejn: il-*Public Convenience* ta' San Sebastjan għaliha, u il-*Public Conveniences* ta' Pjazza Federico Maempel u dik ta' Sqaq Zenqa flimkien. B'hekk titneħħa l-problema tad-distanzi bejn il-latrini, u s-servizz ikun aktar ikkonċentrat fiż-żewġ *areas*.

Saret diskussjoni dwar diversi opzjonijiet li jistgħu jinħarġu għal din l-offerta. Wara diskussjoni kien maqbul li għandhom jinħargu żewġ Options:
***Option 1*** tkun it-tħaddim u tmexxija tat-tliet *Public Convenience* flimkien,
***Option 2*** tkun it-tħaddim u tmexxija bl-area, iż-żewġ *Public Conveniences* fl-area ta' San Ġorġ għalihom u l-*Public Convenience* fl-area ta' San Sebastjan għaliha.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** issekonda

Ivvutaw Favur it-tmien (8) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-ħruġ taż-żewġ tenders.

**57/08** **Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** talab fis-7.40pm, sabiex ikun skużat mil-laqgħa minħabba xogħol.

**57/09** ***QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT* U *FINANCIAL SITUATION INDICATOR REPORT July-September 2011***

Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda it-tielet rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur – mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011, għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess kwart tas-sena. Ir-rapporti kienu iċċirkulati u mqassma wkoll mad-dokumenti tas-seduta u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'D1-2'**

Il-Kunsill unanimament approva r-rapporti ta' kull tlett xhur, mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011.

**57/10** **IL-PROĠETTI FIL-*HOUSING ESTATE***

**Is-Sindku** nforma li matul din il-ġimgħa saret laqgħa mas-CEO tal-Awtorita' Tad-Djar, fil-preżenża tal-periti tal-*Housing* flimkien mal-Perit tal-Kunsill, wara li tressqu numru ta' lmenti minn residenti tal-Blokk 12 ta' Vjal De La Cruz. Preżenti wkoll kien hemm l-Onor Marie Louise Coleiro Preca li rrappreżentat lir-residenti, għall-ilmenti li kienu qed jitqajjmu.

F'din il-laqgħa tqajjem ukoll l-ilment li resident kien qed jidħol bil-vettura fuq il-pavimentar il-ġdid. Il-Kunsill informa li sejrin jittieħdu passi kontra dan l-abbuż, issa li nħoloq parkeġġ adegwat fil-pjazza.

**57/11** **MEMOS – 95 sa 112**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' memos minn numru 95 sa 112 li kienu mressqa u ċċirkulati għall-attenzjoni tal-Kunsillier. **DOK 'E 1-18'**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-Memo 112/2011 fejn il-Kunsilli Lokali għandhom rwol importanti fil-ħidma li qed issir biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u jitjieb is-servizz tat-trasport pubbliku b'mod partikulari waqt il-ħinijiet ta' filgħodu bejn is-6.30a.m. u d-9.30a.m.

Għaldaqstant il-Kunsilli Lokali qegħdin jintalbu jimxu ma' dawn l-istruzzjonijiet li ġejjin:

· Ma għandhomx jinħarġu permessi għal cranes, tqegħid ta' skips, tqegħid ta' materjal eċċ, (ukoll trukk kbir, pompa tal-konkos, gaffa,) li b'xi mod jagħlqu jew jostakolaw anke karreġġjata waħda jew parti minn karreġġjata, fit-toroq arterjali u toroq li minnhom jgħaddu l-karozzi tal-linja, fl-ebda ġurnata tal-ġimgħa fil-ħinijiet ta' filgħodu bejn is-6.30a.m. u d-9.30a.m.;

· M'għandhomx jingħataw permessi biex isiru xogħolijiet li permezz tagħhom b'xi mod jagħlqu jew jostakolaw anke karreġġjata waħda jew parti minn karreġġjata, fit-toroq arterjali u toroq li minnhom jgħaddu l-karozzi tal-linja, fl-ebda ġurnata tal-ġimgħa fil-ħinijiet ta' filgħodu bejn is-6.30a.m. u d-9.30a.m.;

· Ma jsir l-ebda xogħol mill-Kunsilli Lokali fit-toroq arterjali u toroq li minnhom jgħaddu l-karozzi tal-linja, (eż. patching, resurfacing,żebgħa ta' sinjali) fl-ebda ġurnata tal-ġimgħa fil-ħinijiet ta' filgħodu bejn is-6.30a.m. u d-9.30a.m.;

Kull Kunsill Lokali għandu jikkopera u jimxi ma' dawn l-istruzzjonijiet. Tkunu qed tassiguraw li nevitaw sitwazzjonijiet li jwasslu għal konġestjonijiet bla bżonn fit-toroq tagħna jew li jxekklu l-karozzi tal-linja f'dawn il-ħinijiet partikulari.

**57/12** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-3'**

1. MEPA – L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat li l-Kompetizzjoni tat-Tpinġija għat-Tfal bħala parti miċ-elebrazzjonijiet tal-Jum Dinki għall-Ambjent fejn ir-rebbieħ f'isem il-lokalita' ta' Ħal Qormi hija Blodwen Baldacchino ta' ħdax-il sena.

2. Korrispondenza minn Dr. Ronald D. Cuschieri, General Manager tal-ELC Environmental Landscapes Consortium fejn informa lill-Kunsill li bejn Marzu u April tal-2012 l-ELC se tagħti 240 planter sabiex il-Kunsill iqassamhom preferibbilment fit-*Town/Village Core Centres* għand dawk il-familji li lest jieħdu ħsiebhom sabiex isebbħu l-ħoġor tat-twieqi/gallariji. Il-Kunsill qed ikun imħeġġeg sabiex dan il-proġett jirnexxi u flimkien tissebbaħ il-lokalita'.

3. Korrispondenza dwar l-isem ta' Triq il-Maħsel.

**57/13** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:25 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ (Jum) ......... (Data) ta' ....................... (Xahar) 2011.